# Erba' seminaristi Għawdxin jiġu milqugħa bħala kandidati għall-Ordni Sagri

minn Charles Spiteri

Nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru, Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-preżenza ta' numru ta' saċerdoti, mexxa r-Rit ta' l-Ammissjoni ta' erba' seminaristi mid-djoċesi ta' Għawdex, waqt ċelebrazzjoni tal-Kelma fil-knisja arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem.

Fi knisja mimlija nies, fosthom membri tal-gruppi tal-vokazzjonijiet u l-adoloxxenti flimkien ma' familjari u ħbieb, l-erba' żgħażagħ – Francesco Pio Attard u Simon M. Cachia (mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria), Noel Debono (mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur), u Maximillian Grech (mill-parroċċa ta' l-Assunta fil-Katidral, Victoria) – ġew milqugħa uffiċjalment quddiem l-Isqof bħala kandidati għall-Ordni Sagri. Wara l-qari mill-Iskrittura, kull wieħed minnhom qasam mal-kongregazzjoni l-esperjenza personali tiegħu tal-Kelma ta' Alla, sforz li l-Isqof faħħar fl-omelija tiegħu waqt li tkellem fuq l-importanza u s-sbuħija tal-ministeru saċerdotali li fih dawk li jiġu msejħa ma jgħixux iżjed għalihom infushom imma għal Alla.



Francesco Pio Attard



*Mons. Isqof Mario Grech waqt iċ-ċerimonja tar-Rit ta' l-Ammissjoni ta' erba' Seminaristi Għawdxin. Jidhru fost oħrajn l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, Dun Frankie Bajada, l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Mons. Pawlu Cardona, l-Arċipriet Emeritus ta' l-istess Parroċċa ta' San Ġorġ, Mons. Ġużeppi Farrugia u r- Rettur tas-Seminarju Dun Daniel Xerri*

L-aktar parti importanti taċ-ċelebrazzjoni kienet ir-rit li fih saret l-ammissjoni quddiem l-Isqof.

Il-pass li jmiss issa jkun li huma jirċievu l-ministeru tal-Lettorat, kmieni s-sena d-dieħla.

L-erba' seminaristi jinsabu fil-ħames sena ta' formazzjoni fis-seminarju ta' Għawdex, wara li fl-aħħar sena wettqu esperjenzi fl-Italja u l-Iskozja.



*Maximillian Grech*



*Noel Debono*



*Simon M. Cachia*



*Parti mill-Kongregazzjoni preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tar-Rit ta' l-Ammissjoni tas-Seminaristi Għawdxin, fil-Knisja Parrokkjali t'Għajnsielem*

## TISLIBA



**"GĦ" u "IE" jistgħu jkunu f'kaxxa waħda**

**MIMDUDIN:-**

1. Mhux fit-tul (5)
3. Tixrob kulma tisqieha (6)
6. Ġebel tas-soqfa (5)
8. Dawn mhux egħdewwa (4)
9. Xahar twil mibrum (6)
11. Kielu biżżejjed, iddejqu (5)
12. Mario tenur bil-lasta bil-ponta (5)
15. Sargu jew ….. (6)
18. Ilbes din qabel l-ingravata (4)
19. Xorob mis-sider (5)
20. San Franġisk hekk jgħidulu (6)
21. Għal kull ittra waħda (5)

**WEQFIN:-**

1. Nixfa kbira (6)
2. Ta' Malta m'għandux velenu (4)
3. Bżonnjuż għall-ħġieġ tat-twieqi (5)
4. Naċċettaw l-ordnijiet (5)
5. Tal-Ġostra jew tar-razza (5)
7. L-ajruplani jiddajvjaw u dawn jisparaw (6)
10. Madwar għonq xi qassis jew kelb (6)
13. Forza Militari (6)
14. Taqlagħha f'xi ġlieda (5)
15. Ta' sikwit (5)
16. Serju, wasal fl-aħħar (5)
17. Isem Dale tħawwad (4)



**SOLUZZJONI TAL-ĠIMGĦA L-OĦRA**

## Tifkiriet ta' San Ġorġ Preca




Għad għandna għadd ta' tifkiriet għal bejgħ ta' San Ġorġ Preca minn Malta. Għandna ritratti sbieħ ta' żewġ daqsijiet kif ukoll inkwadri speċjali. Għandna wkoll domni, cards, santi keychains u kotba bi prezzijiet differenti.
Dawn tistgħu tixtruhom mill-Uffiċċju ta' The Maltese Herald. Għal iktar informazzjoni u prezzijiet ċemplu l-Uffiċċju ta'
**The Maltese Herald**
**(02) 9637 9992.**